

# Kleru f'Ħaż-Żebbuġ f'nofs is-Seklu XIX (19)

*Lorenza Zahra*

Ta' interess għall-poplu Żebbuġi jagħraf is-saċerdoti tar-raħal fl-imgħoddi. Fuq kollox, barra l-ħidma tagħhom kineu wlied iż-Żebbuġin, u wħud minnhom bla dubju li fi żmienhom kienu magħrufa għal tant ħidma tagħhom.

Hawn xtaqt nelenka lista tagħhom li isimhom deher fil-Vista Pastorali tas-sena 1842. Dawn huma:

- L-Arċipriet kien Dun Franġisk Saver Vassallor S.Th.L. li jfisser kien duttur tat-Teoloġija. Kien ukoll direttur għat-tagħlim tad-duttura.
- Dun Salv Piscopo kien iċ-Ċeremonier.
- Dun Anton Xerri li kien jieħu ħsieb l-altar u l-Fratellanza ta' l-Erwieħ.
- Dun Ġużepp Gatt li kien jieħu ħsieb l-altari tal-Karmnu, tar-Rużarju, kif ukoll kien jieħu ħsieb il-Legati.
- Dun Filippu Grima li kien jieħu ħsieb il-Veneranda Lampada.
- Dun Ġużepp Cachia li barra li kien il-Viċi Arċipriet, kien jieħu ħsieb is-Sodalità tad-Duluri u dik ta' l-Agunija.
- Dun Pietru Xerri kien jieħu ħsieb l-altar tal-konsolazzjoni waqt li Dun Ġwann Agius kien il-puntatur, cioè li jieħu ħsieb il-quddies ta' kuljum.
- Dun Pawl Galea kien is-Sagristan maġġur jieħu ħsieb l-Adorazzjoni kif ukoll jgħin lil Dun Filipp Grima diġà msemmi.
- Dun Teodoru Piscopo kien jieħu ħsieb l-Isptar ta' San Ġużepp waqt li kien ukoll l-assistant Ċeremonier.

Qassisin oħra li kienu jieħdu ħsieb il-knejjes filjali kienu:

- Dun Saver Pisani li kellu l-Knisja ta' Ħal Muxi.
- Dun Salv Grima dik tal-Madonna tal-Grazzja.
- Dun Tumas Debono dik ta' Mamo,
- Dun Salv Trevisan dik ta' Wied Qirda,
- Dun Filippu Callus dik tal-Madonna tad-Dawl.

Il-Qassisin l-oħra kienu dawn: Dun Mikiel Calleja, Dun Tumas Abela, Dun Pawl Bajjada, Dun Ġwann Agius, Dun Ġwann Grima, Dun Vincenz Borg, Dun Mikiel Vassallo, Dun Franġisk D'Amato, Dun Ġużepp Zammit, Dun Ġwann Battista Grima, Dun Pawl Pullicino, Dun Pietru Xerri, Dun Mikiel Sauchett, Dun Ġużepp Callus, Dun Saver Psaila, Dun Publio Zammit, Dun Ġużepp Azzopardi, Dun Pietru Buttiġieġ, Dun Ġużepp Azzopardi, Dun Ġużepp Debono.

Kien hemm ukoll dawn is-sekulari li kienu jgħinu l-ħidma tal-Parroċċa li jixraq jissemmew ukoll. Salvu Schembri li kien jieħu ħsieb il-Vjatku kif ukoll il-Fratelli tal-Karità, Pawlu Dimech li kien jieħu ħsieb il-Fratelli ta' San Ġużepp, Pawlu Bonavia kellu f'idejh il-Via Sagra, Feliċ Agius kien jieħu ħsieb il-qima lejn ix-xhiba ta' San Tumas, Marija Camilleri kienet tieħu ħsieb il-qima lejn Sant'Agata waqt li Ġanni Battista Gatt kien l-organista.

Fir-Raħal kien hemm kappelli oħra: kienu dawn tal-Madonna ta' l-Anġli, ta' l-Abbandunati, tal-Lunzjata, ta' Santu Rokku, tal-Lunzjata, ta' Skamaldi kif ukoll kien hemm iċ-Ċimiterju ta' Sant'Andrija, ta' l-Infetti kif ukoll iċ-ċimiterju ta' l-epidemija ta' l-1814.